TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 458/10

**James u Jeanette Camilleri**

**vs**

**Jack and Jill Day Centre, Learning Centre**

Illum 28 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mija u tlieta w erbgħin ewro (€143), rappreżentanti rifużjoni ta' depożitu, kif ukoll rifużjoni tal-kontribuzzjoni taż-żmien illi t-tifla m'attendietx għall-iskola.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimati li huma l-istess intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma bagħtu lit-tifla tagħhom f'Child Day Care Center u ħallsu depożitu ta' sebgħin ewro (€70) u kif ukoll tletin ewro (€30) kontribuzzjoni. Irriżulta illi t-tifla ma kinitx tiflaħ għal xi ġimgħatejn u b'hekk ma marritx skola u għalhekk qed jitolbu rifużjoni kemm tad-depożitu u kif ukoll taż-żmien illi m'attendietx l-iskola.

L-intimat issottometta illi d-depożitu żgur li mhux rifondibli stante li dak jitħallas fil-bidu u jorbot lill-partijiet, kif ukoll jekk it-tifla m'attendietx l-iskola, xorta l-post kien għadu hemm għaliha u mhumiex responsabli għan-nuqqas t'attendenza.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet kollha, jinnota li l-kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet u d-depożitu huwa fih innifsu pagament illi jorbot lill-partijiet, u kif ukoll għall-fatt illi t-tifla m'attendietx għall-iskola, t-Tribunal jiddeciedi wkoll illi m'għandux dritt għal rifużjoni stante li l-post tat-tifla jibqa' vakanti sakemm tidħol lura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888